**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 24 ta` April 2019**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**CHARLES ABELA**

**Kump Nru 856/2011**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Charles Abela** detentur tal-karta tal-identita numru 82679M, gie akkuzat talli:

1. F'Lulju 2011 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, fil-kapacita tieghek personali kif ukoll fil-kapacita, tieghek ta' Direttur jew wiehed mid-Diretturi taz-zewg socjetajiet segwenti: Elevators DC Company Limited u Eco Export Company Limited, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggiehgel

titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti qligh ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioe circa €61,000 ghad-detriment ta' Roberto Bartolo detentur tal-karta tal-identta numru 257588M u David Emmanuel Farrugia detentur tal-karta tal-identita numru 230992M ai termini tal-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprjajt ruhek billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe is-somma ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioe circa €61,000 ghad-detriment ta' Roberto Bartolo detentur tal-karta tal-identita numru 257588M u David Emmanuel Farrugia detentur tal-karta tal-identita numru 230992M ai termini tal-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tat-3 t' Ottubru 2014 (ara *folio* 130) fejn huwa dehrlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

fl-Artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
fl-Artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
fl-Artikoli 17, 31, 532A u 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat il-kunsens tal-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bi procedura sommarja (ara verbal tas-seduta tal-21 t'Ottubru 2014 *a folio* 128);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet ta` l-imputat Charles Abela pprezentata fil-21 ta` Awwissu 2018;

**Ikkunsidrat;**

Illi in succint, dak li rrizulta f'dan il-kaz, kien is-segwenti.

**L-Ispettur Maurice Curmi** xehed nhar it-23 ta Lulju 2014 ( fol.26) fejn ikkonferma li Roberto Bartolo kien ghamel rapport mieghu nhar l-10 ta Mejju 2011 fejn stqarr li huwa kien beda jahdem ma Charles Abela (li gharaf prezenti fl-Awla bhala l-imputat) fis-socjeta Elevators D.C Company Ltd u wara xi xaghrejn li kien ilu jahdem hemm kien offrielu sabiex isir partner tieghu u kien ghalhekk li kellhom il-hsieb li jiffurmaw kumpanija ohra sabiex tiehu hsieb li jesportaw barra minn Malta materjal ghar-reciklagg. Irraportalu wkoll li sakemm giet iffurmata is-socjeta gdida li kellha jkollha l-isem ta' 'Eco-Export Company Ltd' huma ghamlu uzu mis-socjeta Elevators D.C Company Ltd. Qallu li l-income tieghu kien qed jonqos drastikament u li Charles Abela beda juza il-flejjes li kienu jidhlu bhala dhul ghall-uzu personali tieghu. Ghalhekk qallu li l-imputat fil-fatt kien ghamel uzu minn flejjes li suppost kellhom jdhlu fil-kumpanija izda spiccaw band ohra. Qallu wkoll li kellu jiehu xi hdax-il elf euro (€11,000) minghand l-imputat.

Huwa ghalhekk baghat ghall-imputat u dan qallu li Bartolo ma kellu x'jaqsam xejn mas-socjeta tar-reciklagg u li kien gie impjegat biss bhala clerk. Ix-xhud spejga li Bartolo kien qallu li kien hareg ukoll somma flus biex dan il-materjal ikun jista' jibda jigi esportat u li ma kien ha xejn lura. Qallu wkoll li l-kumpanija l-gdida kienet lahqet baghtet biss xi zewg jew tlett containers barra minn Malta u l-flejjes kienu gew depozitati fil-kont li kellu ma Banif.

Huwa kellem ukoll lil David Emanuel Farrugia u dan ikkonfermalu li hu kien partner mal-imputat u li Bartolo verament kien dahal partner maghhom u li ghallinqas kienu esportaw shipment wehed flimkien.

**PS 290 Jean Paul Formosa**[1] ikkonferma li l-imputat kien inghata id-dritt ta l-Avukat qabel ma bdiet l-investigazzjoni u gharaf il-firma tieghu u dik ta l-Ispettur fuq id-dokument esebit fl-atti *a fol*. 31 immarkat bhala dok MC. Mistoqsi jekk jgharafx lill-imputat iwiegeb fin-negattiv[2].

**Roberto Bartolo** xehed[3] u kkonferma li f'Jannar 2010 kien beda jahdem bhala klerk mas-socjeta Elevators D.C Ltd fejn l-imputat kien Direttur. L-imputat kien staqsih jekk kienx interessat jidhol bi shab mieghu f'xi xoghol ta' esportazzjoni ta' skart ghar-reciklagg u f'Marzu 2010 Roberto Bartolo kien accetta u bdew jahdmu f'isem is-socjeta imsemmija li gja kellu registrata sakemm is-socjeta li kienu ser jifformaw tigi registrata, liema sojceta Eco-Exports Ltd giet registrata f'Gunju tal-2010.

Spjega li bhala Diretturi u shareholders f'din is-socjeta gdida kien hemm mieghu l-imputat u David Farrugia. Kompla jispjega li pero bhala fatt is-socjeta Eco-Export qatt ma intuzat ghaliex mill-ewwel bdew bil-problemi bejniethom. Qal li l-imputat kien jitolbu il-flus ghall-affarijiet personali tieghu ghaliex kien jghidlu li kulhadd xott bhal issa. Qal li mbaghad l-imputat hallsu lura din is-somma b'cekkijiet li ma ssarfux.

Qal li kienu lahqu baghtu container wiehed taht is-socjeta Elevators D.C Ltd u dan ghall-valur ta' €133,000 pero minnhom kellhom jinqatghu xi xpejjez ta' materjal u ghalhekk kien hemm xi diskrepanza ta' madwar €50,000. Qal li din is-somma kellha tinqasam bejn it-tlieta li huma pero l-flus ma instabux. Qal li l-flejjes kienu jigu dezpositati fil-kont ta' Elevators D.C Ltd u hu ma kellux access ghal dak il-kont. Mistoqsi kif jaf li l-flus m'ghadhomx hemm jghid li inghata cekkijiet u dawn ma issarfux.

Qal li pero ic-cekkijiet li ghandu ghal madwar is-somma ta €11,225 kienu jirrapprezentaw flejjes li huwa kien silef lill-imputat fuq medda ta' zmien pero ic-cekkijiet li kien inghata ma issarfux u fuqhom hemm il-kliem '*refer to drawer*'.

---

[1] Seduta tal-21 ta Ottubru 2014 fol. 148

[2] Fol. 146

[3] Nhar it-23 ta' Lulju 2014 fol. 38

Huwa esebixxa fotokopja ta' erbgha cekkijiet intestati f'isem C Abela.[4] Spjega wkoll li l-erba' cekkijiet hargu minn tlett kontijiet differenti.

In kontro-esami[5], mistqosi jekk kellux access ghall-accounts tas-socjeta Elevators D.C, ighid li ma kellux u fil-fatt jghid li qatt ma kellu x'jaqsam ma din is-socjeta izda l-intendiment kien li ser jibda jahdem mas-socjeta Eco-Exports. Qal li kien Direttur tas-socjeta Eco-Exports pero ma kienitx ghada bdiet topera sew. Kienu ghamlu xi exports pero taht l-isem tas-socjeta Elevators D.C. Jghid li fil-fatt anke il-permess tal-waste carrier permit u l-permess biex jesportaw kien hareg f'isem Elevators D.C. Ikkonferma li pero ir-recycling kellu imur ghalih taht is-socjeta Eco-Export. Qal li l-flus li kellhom jaslu minn barra kienu isiru permezz ta' bank transfers fuq il-kont ta' Elevators D.C. Spjega li kien jaghmel kuntatt ma nies li ghandhom recyclable waste biex imbaghad jigbruh biex jesportawh.

Fis-socjeta Elevators D.C kien hemm segretarju li kien jaf dwar il-cash flow tas-socjeta . Huwa ma kien jaf b'xejn. Qal li flus lilu is-socjeta Elevators D.C qatt ma tatu apparti ic-cekkijiet li ma ssarfux. Qal li l-imputat kien ibeghdu minn ma David u ghalhekk ma tantx kien ikollu x'jaqsam mieghu. Mistoqsi minghand min ghandu jiehu jekk hux minghand l-imputat Charles Abela, jew minghand is-socjeta Elevtors D.C jew minghand is-socjeta Eco-Export, jghid li c-cekkijiet li ghandu u li ma ssarfux jghajtu lil Charles Abela. Mistoqsi jekk kienx fetah kawza civili kontra l-imputat ighid li kien qabbad avukat u hallas xi flus ghar-ricerki u irrizulta li ma kien hemm xejn u allura ddecida li ma jkomplix jonfoq aktar flus.

**David Emanuel Farrugia** xehed[6] u kkonferma li kien sieheb mal-imputat fis-socjeta Elevators D.C ghal xi zmien w imbaghad dahal maghhom Roberto Bartolo u qal li jaf li dan Bartolo kien silef xi flus lill-imputat fis-sena 2010. Qal li huwa kien ingidem mill-imputat u dan ghaliex kien hemm xi flus neqsin li ma gewx rapportati lura fix-xoghol.

---

[4] Dok RB esebit fl-atti a fol 46 .

[5] Seduta tat-13 ta Frar 2018 fol. 175

[6] Seduta tat-23 ta Lulju 2014 fol. 89.

Ikkonferma wkoll li bejniethom kien hemm kumpanija (Eco-Export) li kienet inkarigata mill-esportazzjoni ta' materjal ta' reciklagg u jghid li fil-fatt kienu esportaw xi materjal fi tlett jew erbgha okkazzjonijiet. Qal li l-hlasijiet kienu isiru tramite bank transfers fil-kont tas-socjeta Elevators D.C. Qal li l-intendiment kien li wara l-flejjes kienu ser jigu trasferiti fil-kont tas-socjeta Eco-Export pero dak qatt ma sehh. Qal li kull meta kien jghid lill-imputat sabiex isiru it-transfers dan kien ighidilhom ' *Issa naghmluha, Issa naghmluha*[7]*'*. Qal li jaf li l-flejjes gew mibghuta mill-Italja pero hu ma ha xejn. Mistoqsi jekk kienx ha xi haga tal-flus in konnessjoni mal-esportazzjoni li lahqu ghamlu jghid li le ma ircieva xejn ghaliex kienu ghadhom kemm bdew jahdmu u jghid senjatament '*ma kienx hemm fejn nistghu niehdu*.[8]'

In kontro esami ighid[9] li kien ilu jahdem ma l-imputat fuq elevators ghal certu zmien u Roberto Bartolo ma kellux x'jaqsam maghhom. Mistoqsi jekk kienx jiehu hsieb il-finanzi tas-socjeta Elevtors D.C ighid li le; kien jiehu hsieb il-kontroll amministrattiv flimkien mal-imputat. Problemi finanzjarji ma kienx hemm. Problemi zghar ta kuljum, biss kien hemm. Qal li Roberto Bartolo ma kienx jircievi paga. Jiehu hsieb il-hrug ta' pagi tas-socjeta Elevators D.C kien hemm skrivan. Awdituri u Accountants kien hemm jiehdu hsieb tas-socjeta Elevators D.C. Mistoqsi jekk thallasx jew jekk ghadx ghandu jiehu minghand is-socjeta Elevtors D.C ighid li ghad irid isiru il-konteggi pero kemm ghandu jiehu bl-ezatt ma jafx. Jghid li kien gja irrizenja minn Direttur meta infethet din il-kawza odjerna.

**Janette Lepre** xehdet in rappresentanza tal-Lombard Bank u kkonfermat li Charles Abela ma ghandu l-ebda kont maghhom.

**Romuald Attard** xehed in rappresentanza tal-Bank of Valletta u kkonferma li l-kont numru 153044252020 kien registrat f'isem Charles Abela ID numru 82679(M) pero kien inghalaq fis-16 ta' Lulju 2009 u ghalhekk mis-sena 2010 'l

---

7 Fol. 95. Xhieda tat-23 ta Lulju 2014

8 Fol. 97. Xhieda tat-23 ta Lulju 2014

9 Seduta 13 ta Marzu 2018 fol. 187

quddiem dan il-kont kien maghluq. Huwa esebixxa statement of account bl-ending balance juri zero euros u gie mmarkat bhala dok RA.[10]

**Dr. Amanda Poole** xehdet[11] u pprezentat il-Memorandum of Articles and Association tas-socjeta Eco-Export Company Limtied C number 49874 u dan gie mmarkat bhala dok AP[12]. Illi nhar il-21 ta' Ottubru, 2014 hija pprezentat Memorandum and Articles of Association tas-socjeta Elevators D.C Ltd C number 45440 li giet registrata fl-24 ta Ottubru 2008 u din giet immarkata bhala dok AP1[13].

**Peter Paul Sacco,** Compliance Officer mal Banif Bank xehed u kkonferma li kellu igib statment tal-kont tas-socjeta Eco-Export Company Limtied u dan gie esebit minnu u mmarkat bhala dok PPS[14]. Dan il-kont jindika li infetah fit-22 ta' Settembru 2010 u inghalaq fit-3 ta Ottubru 2011.

**Donna Marie Ellul** xehdet in rappresentanza tal- Lombard Bank u kkonfermat li l-kont numru 00069012337 minn Jannar 2010 'l quddiem kien jghajjat lis-socjeta Elevators D.C pero in-numru tieghu inbidel ghal 01164642629 u esebiet statement ta' dan il-kont li gie mmarkat bhala dok DMC[15] .

**Illi l-imputat Charles Abela** ghazel li ma jixhedx viva voce pero kien irrilaxxja stqarrija nhar l-14 ta Lulju 2011[16]. Ikkonferma li huwa Direttur tas-socjeta Elevators D.C Ltd. Mistoqsi jekk jafx lil Roberto Bartolo jghid li jafu ghaliex hu kugin tal-mara tieghu u dan kien talbu biex jahdem mieghu u filfatt dahlu jghamel xi xoghol klerikali part time. Qal ukoll li kien minnu li f'Marzu 2010 kien offrielu, flimkien ma David Farrugia l-partner tieghu, sabiex jidhol partner

---

10 Fol. 107 waqt is-seduta tal-5 ta' Settembru 2014.

11 Seduta tal-5 ta Settembru 2014 fol. 108

12 Fol. 109.

13 FOl. 131

14 Fol. 124.

15 Fol. 149 sa 163.

16 Dok MC1 a fol. 32

maghhom f'kumpanija li kien ser iwaqqaf ta' esportazzjoni ta' materjal ghar-reciklagg. Qal li fil-bidu tas sena 2010 kien esporta xi materjal taht il-kumpanija Elevators D.C u jghid li kienu ghabbew il-materjal ta' *scrapped aluminium* minn Ghawdex f'container tal-40 pied. Qal li dak li huwa esporta f'isem is-socjeta Elevators D.C, Roberto Bartolo ma kellu x'jaqsam xejn ghaliex dak iz-zmien kien ihallsu €500 fix-xahar ghal part time li kien jghamel.

Mistqosi x'ghandu xi jghid dwar dak li qal Roberto u cioe li kienu baghtu materjal li kien jsiwa €133,000 u wara li jitnehhew l-ispejjez kien ghad fadal bilanc ta €50,000 jghid li dwar l-ammont ta bilanc mhux cert pero zgur li Roberto ma kellux x'jaqsam ghax dak iz-zmien kien impjegat biss.

Mistoqsi x'ghandu xi jghid dwar dak li qal Roberto li kien silfu is-somma ta €11,000 cirka u ma kienx hallsu lura jghid li mhux veru kien silef xi flus minghandu. Muri l-erba cekkijiet ighid li Roberto gja thallas taghhom u filfatt ighid li kien halsu permezz ta` cekk iehor fl-ammont ta €12,000 u gie depositat fil-kont tal-kumpanija tieghu.

Mistoqsi jekk jaqbilx li bejn Frar 2010 u Gunju 2010 gew depositati fil-kont tas-socjeta Elevators D.C is-somma ta cirka €133,000 fi dhul mill-esportazzjoni ta` materjal tar-reciklagg jghid li jaqbel izda dak kien xoghol li ma kellux x'jaqsam fih Roberto.

Mistoqsi jekk ghadhiex topera is-socjeta Eco-Export ighid li kienet ser tinghalaq dalwaqt. Qal li taht is-socjeta Eco-Export jikkalkula li baghtu xi zewg containers jew tlieta barra minn Malta u qal li l-flus li kienu dahlu ghal tali esportazzjoni gew depositati fil-kont bankarju taghha suppost. Jghid li l-ammonti pero kienu zghar. Muri cekk mahrug mis-socjeta Eco-Export lil John Spiteri ighid li dan ic-cekk iffirmawh it-tlieta li huma. Jghid li l-flus li kienu jidhlu fil-kont ta Eco-Export kienu jidhlu direttament minn barra u jekk jigi minn barra kien jiehu hsiebhom Roberto.

Dawn huma bazikament ir-rizultanzi processwali.

**Ikkunsidrat**;

Illi minn ezami dettaljat tar-rizultanzi processwali jirrizulta illi fiz-zmien *de quo* Roberto Bartolo kien jaghmel xi xoghol amministrattiv fl-ambitu tas-socjeta` Elevators D.C u kien jithallas ghal dan il-part time. Kien hemm qbil li eventwalment jidhol bi shab fin-negozju ma l-imputat u ma David Farrugia taht il-kappa tas-socjeta Eco-Export, socjeta li eventwalment giet registrata. Irrizulta wkoll li l-operazzjoni tan-negozju, specjalment mill-imputat, kienet wahda kemmxejn konfuzjonali. Irrizulta wkoll illi Roberto Bartolo kien ta` xi flus lill-imputat; zgur mhux car ghal xhiex kellhom jintuzaw dawk il-flus izda rrizulta sodisfacentement illi Roberto Bartolo kien tah dawk il-flus bl-obbligu tar-radd; tant illi l-imputat 'ipprova' jhallsu lura b'erba cekkijiet li ma gewx onorati. Irrizulta wkoll illi sal-grad tal-probabbli, kien hemm pendenzi ta` flus bejn il-protagonisti in konnessjoni max-xoghol.

Fil-fehema ta` din il-Qorti mkien fl-atti ma jirrizultaw a sodisfazzjon tal-ligi l-elementi kostituttivi tar-reati addebitati taht l-Artikoli 308 u 309.

Din il-Qorti rat numru sostanzjali ta` sentenzi in materja. Hawnhekk sejra tirriproduci dak migjub fis-sentenza tal-**Qorti ta` l-Appell Kriminali** tat-30 ta` Dicembru 2004 (App Nru **130/2003 VDG**) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmela German".

In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** li: **"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56)."**

Mill-provi jirrizulta li l-operat ta` l-imputat, kemm personali kif ukoll taht il-kappa tas-socjetajiet imsemmija, kien wiehed ferm laxk u certament mhux strutturat; meta l-operat ikun immexxi b'dan il-mod, ma jkunx sorprendenti li r-rizultat ikun wiehed konfuzjonali. Dan li effettivament gara f'dan il-kaz. U f'din il-konfuzjoni, jidher car li gew milquta l-interessi ta` David Farrugia u x'aktarx ukoll ta` Roberto Bartolo. Dan ix-xenarju pero` ma jwassalx ghar-reat ta` frodi. Imkien mill-provi ma jirrizulta li David Farrugia u/jew Roberto Bartolo gew b'xi mod ingannati fit-termini tal-ligi penali. La ma jirrizultax l-element ta` l-ingann da parti ta` l-imputat, huwa ma jistax jinstab hati ta` truffa jew ta` frodi innominata. Pendenzi ta` natura civili, kif jidher li ghandhom David Farrugia u Roberto Bartolo fil-konfront ta` l-imputat, huma materji li ghandhom jigu decizi mill-Qorti kompetenti. Il-Qorti tosserva li l-kwistjoni tal-erba cekkijiet li gew *referred to drawer* ma hi ta` ebda effett fuq ir-reat ta` frodi f'dan il-kaz; dawn l-erba cekkijiet kienu nhargu sabiex jithallas lura Roberto Bartolo, li minn naha tieghu ma kienx ghadda l-flus lill-imputat in kambju ghac-cekkijiet.

Minn naha l-ohra, kwantu ghall-approprijazzjoni indebita (inkluz dik aggravata), din il-Qorti tfakkar li dan ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profit ghalieh jew ghal haddiehor[17].

Irrizulta, kif inghad, illi l-imputat kien ircieva flus minghand Roberto Bartolo. L-imputat ma onorax l-obbligu tar-radd peress illi kif irrizulta, huwa ta lil Roberto Bartolo erba cekkijiet li pero gew *referred to drawer*. Certament li l-flus li kien ircieva, l-imputat kien uzahom a beneficcju tieghu. Madanakollu, ma harigx car mill-provi jekk l-imputat kienx ircieva dawn il-flus ghall-uzu tieghu personali jew jekk kienx irceviehom minhabba x-xoghol tieghu li kien jiggestixxi. Konsegwentement ma hux applikabbli l-Artikolu 294 tal-Kapitolu 9.

Bhala konsegwenza, dawn il-fatti rizultanti jgibu lill-imputat passabbli ghar-reat ta` approppriazzjoni indebita fil-konfront ta` Roberto Bartolo.

**Ikkunsidrat**;

---

[17] Ara App. Krim VDG - 09/06/1998 "Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni";

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-kwistjoni ta` l-ahjar sanzjoni applikabbli fic-cirkostanzi, din il-Qorti temmen illi tali sanzjoni ghandu jkollha skop duplici – u cioe` li tinghata piena/sanzjoni li tkun ta` deterrent ghall-hati u li jkollha wkoll element ta` restituzzjoni lejn min ikun sofra l-hsara. Ghalhekk din il-Qorti sejra tapplika l-Artikoli 28A u 28H, ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**KONKLUZJONI.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 28A, 28H, 532A u 532B, 308, 309, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Charles Abela** mhux hati ta` l-ewwel imputazzjoni (frodi) u minnha tilliberah skond il-ligi, izda ssibu hati tat-tieni imputazzjoni (approppriazzjoni indebita) fil-konfront biss ta` Roberto Bartolo u limitatament ghar-reat taht l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u tikkundannah ghall-piena ta` tlett (3) xhur prigunerija; izda tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul dak il-perijodu ta` sena (1) mid-data ta` din l-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9, l-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Bis-sahha ta` l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti tordna lill-ħati li jħallas lil Roberto Bartolo is-somma ta` €11,225 bħala kumpens għal telf minnu soffert u dana fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta` din l-ordni.

Skond l-Artikolu 28H(8) tal-Kap 9, l-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan l-artikolu jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu ma' din l-ordni.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur